MALTA food AGENCY

Pitkalija Farmers Market Pixkerija

# Kundizzjonijiet tal-Permess tal-Farmers Market

## 1. L-Għan tal-Kundizzjonijiet tal-Permess tas-Suq tal-Farmers Markets:

Il-Farmers Markets li ġew stabbiliti permezz tal-Liġi Sussidjarja 117.31 ir-Regolamenti dwar is-Swieq tal-Bdiewa u l-emendi tagħha u għandhom l-għan li jitqiegħdu fis-suq u jinbiegħu prodotti agrikoli lokali mill-bidwi/raħħal/produttur u/jew kooperattivi lill-konsumatur dirett.

L-għan ta' dan id-dokument hu li jagħti gwida lid-detenturi tal-permessi dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa minnhom.

Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu segwiti u huwa dover tad-detentur tal-permess li jaqra, jifhem u japplika dawn il-linji gwida u l-kundizzjonijiet. It-taqsima tal Market Regulation fi ħdan il-Malta Food Agency ser tkun qed tagħmel spezzjonijiet regolari u, fejn jinstab li jkun hemm ksur ta' dawn l-kundizzjonijiet, jittieħdu l-passi neċessarji skont l-istess liġi msemmija hawn fuq.

## 2. X'Jista' Jinbiegħ fil-Farmers Market:

Fil-Farmers Market jistgħu jbigħu **prodotti agrikoli kkultivati jew imkabbra fil-gżejjer Maltin**, **ħut żbarkat fil-gżejjer Maltin** u prodotti ġejjin direttament minn dawk il-prodotti primarji lokali mis-setturi tal-agrikoltura, tat-trobbija tal-annimali jew tas-sajd.

## 4. Permess għall-Farmers Market:

Ħadd ma jista' jopera posta u jipparteċipa fil-Farmers Market mingħajr permess maħruġ mit-taqsima responsabbli minn dan fi ħdan il-Malta Food Agency.

## 5. Ġranet u Ħinijiet tal-Ftuħ tal-Farmers Market:

### a) Farmers Market Ta' Qali*

It-Tlieta, u s-Sibt mis-07:00 sat-15:00

Post: Triq San Ġakbu, Ħ'Attard

Link: https://maps.app.goo.gl/FsHxfEVXDQ4cWE4h9

*Il-MFA tinsab fil-proċess ta' tfittxija ta' lokazzjoni alternattiva minħabba l-proġett il-ġdid tal-farmers market.

b) **Farmers Market Kottonera**

Is-Sibt mis-07:00 sal-11:30

Post: Triq il-Ġublew tal-Fidda, il-Birgu/ Bormla

Link: https://goo.gl/maps/St5u9vZBTTckSAto8

**6. Kundizzjonijiet u Regolamenti tal-Farmers Market:**

1. Id-dettalji mgħoddija fl-applikazzjoni għandhom jinżammu aġġornati. Fejn ikun hemm xi tibdil ta’ informazzjoni għandha timtela formula/applikazzjoni ffirmata u aġġornata bl-aħħar dettalji/informazzjoni u tiġi preżentata lit-Taqsima tal- Market Regulation Unit, tal-Aġenzija.

2. F’każ ta’ ċirkostanzi partikolari jew xi perjodu ta’ assenza, id-detentur tal-permess għandu jinforma lit-Taqsima tal-Market Regulation u jipprovdi d-dokumenti meħtieġa. Jekk id-detentur tal-permess jonqos milli jinforma lill-aġenzija fi żmien tliet ġimgħat u ma joperax għal tliet ġimgħat konsekuttivi, l-Aġenzija tirriżerva d-dritt li tieħu l-azzjoni meħtieġa.

3. Il-permess maħruġ mill-Aġenzija dwar posta li tinsab ġol-Farmers Market għandu jintwera b’mod ċar f’kull waqt.

4. Id-detentur tal-permess jew sostitut għandu jkun preżenti fil-posta f’kull waqt.

5. Il-qies ta’ posta li tinsab ġol-Farmers Market għandu jkun dak indikat mit-Taqsima tal-Market Regulation. Il-posta allokata għandha tinżamm u bl-ebda mod ma jista’ jsir skambju mingħajr ma jkun hemm it-talba uffiċjali u approvazzjoni mill-Aġenzija skont kif tippermetti l-liġi u l-proċeduri fis-seħħ.

6. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut ma jista’ f’ebda waqt joffri mill-posta allokata lilu fil-Farmers Market prodott agrikolu importat jew xi prodott agrikolu li jkun inxtara jew li ġie xort’oħra akkwistat minn ċentru tas-swieq tal-prodotti tal-biedja (Pitkalija).

7. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut jista’ biss joffri għall-bejgħ mill-posta allokata lilu fil-Farmers Market, dawk it-tipi ta’ prodotti agrikoli lokali speċifikati fl-applikazzjoni għall-permess. Il-prodotti offruti għall-bejgħ għandhom ikunu friski, ta’ kwalità u għandu jiġi żgurat li prodott imħassar u mhux f’kundizzjoni li jinbiegħ, jitneħħa.

8. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut jista’ juża biss dik il-vettura li jkollha n-numru tar-reġistrazzjoni kif speċifikat fl-applikazzjoni għall-permess, u għandu jipparkja dik il-vettura fl-ispazju tal-posta allokata.

9. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut tiegħu għandu jżomm il-posta allokata lilu nadifa f’kull ħin, għandu jipprovdi kontenituri tal-iskart u jkun responsabbli li ma jħalli ebda skart jew materjal ieħor fl-ispazju tal-posta mal-ħin tal-għeluq.

10. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut għandu jiżgura illi, permezz tal-posta allokata lilu, tal-vetturi jew aċċessorji, ma ssir l-ebda ħsara lil xi triq, bankina jew proprjetà pubblika.

11. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut għandu jiżgura li l-posta allokata lilu jkollha sistema tat-tifi tan-nar (fire extinguishers) adatti.

12. Id-detentur ta’ permess għandu jżomm rendikont ta’ kull bejgħ li jsir mingħandu, fi ktieb/dokument tal-bejgħ approvat mill-Aġenzija għal kull xahar. Dawk ir-rendikonti għandhom juru l-kwantità u x-xorta tal-prodott li jkun inbiegħ u l-prezz li jkun ġab għalih, u għandhom jiġu preżentati meta mitluba mill-uffiċjali tal-Aġenzija waqt l-ispezzjoni.

13. Id-detentur ta’ permess jew is-sostitut għandu dejjem juri l-prezz tal-prodott agrikolu offrut għall-bejgħ.

14. Kull persuna li tkun detentur ta’ permess, is-sostitut jew assistent li jopera minn posta fil-Farmers Market għandha tilbes fil-ħinijiet kollha d-distintiv ta’ identifikazzjoni li jingħatalha mill-Aġenzija u għandha tilbes l-uniformi pprovduta mill-Aġenzija.

15. Kull persuna li tkun detentur ta’ permess, is-sostitut u l-assistenti għandhom iżommu l-iġjene personali xierqa u josservaw ir-regoli bażiċi tas-santità marbuta mal-immaniġġjar tal-ikel f’kull ħin.

16. Kull persuna li tkun detentur ta’ permess jew is-sostitut għandha tinforma lit-tim kollu bil-linji gwida, kundizzjonijiet u regoli li għandhom jiġu segwiti, kif ukoll iżomm ruħha aġġornata bir-responsabiltajiet li wieħed għandu meta jkun qed joffri prodotti tal-ikel għall-bejgħ.

17. Kull persuna li tkun detentur ta’ permess jew is-sostitut għandha tiżgura li t-tinda u l-mod kif tkun armata tkun sigura u li ma tikkawżax danni lill-persuni oħra jew oġġetti.

18. Id-detentur ta’ permess għandu jipprovdi pjan tal-uċuħ tar-raba’ u/jew pjan ta’ produzzjoni fil-każ ta’ prodotti differenti kull sitt xhur jew kif mitlub mill-uffiċjali tal-Aġenzija.

19. Id-detentur ta’ permess għandu jissottometti rekords tax-xiri minn bdiewa jew produtturi oħra lill-uffiċjali tal-Aġenzija kull xahar.

20. Assistenti ġodda għandhom jirreġistraw mal-Aġenzija u jissottomettu d-dokumenti meħtieġa qabel ma jkunu jistgħu joperaw fil-Farmers Market.

21. Ix-xiri ta’ prodotti lokali oħra għandu jsir biss minn bdiewa jew produtturi rreġistrati mal-Market Regulation Unit fi ħdan l-Aġenzija.

22. Kaxxi tal-kartun jew kwalunkwe imballaġġ għall-wiri li jista’ jqarraq bil-konsumatur dwar l-oriġini tal-prodott mhumiex aċċettabbli.

23. Dawk li għandhom il-ħsieb li jbigħu prodotti tal-ħalib, għasel, bajd, ħut jew laħam għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:
    - Prodotti tal-ħalib bħal ġbejniet għandhom ikunu ppakkjati u ttikkettati kif suppost, inkluż in-numru tal-approvazzjoni (in-numru DP) u n-numru tar-reġistrazzjoni (in-numru R) u għandhom jinħażnu fit-temperatura xierqa.
    - Il-bejjiegħa tal-għasel għandu jkollhom numru BK validu.

- Fil-każ ta' bejgħ tal-bajd, it-tiġieġ għandhom ikunu reġistrati mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) jew l-entità responsabbli, u l-bajd għandu jiġi ttimbrat kif mitlub mil-liġijiet fis-seħħ.
- Laħam jew prodotti tal-laħam għandhom jinbiegħu ppakjati u bit-tikketta, jinħażnu u jintwerew kif suppost, jinżammu fit-temperatura xierqa. Kull tip ta' laħam għandu jiġi ppreparat, proċessat mill-Biċċerija Pubblika jew f'post awtorizzat kif mitlub mil-liġi.
- Il-ħut għandu jinħażen u jintwera kif suppost, jinżamm fit-temperatura korretta u tiġi provduta l-informazzjoni meħtieġa lill-konsumatur.

24. Il-prodotti ppreservati, bħal kappar eċċ, għandhom jiġu ppakkjati u ttikkettati kif xieraq.

25. L-imwieżen kollha wżati waqt il-bejgħ għandhom jiġu kkalibrati skont ir-regolamenti fis-seħħ, fosthom il-L.S. 454.02 u l-linji gwida maħruġa mill-MCCAA

26. Meta l-Aġenzija tiġi infurmata mill-entità responsabbli bi ksur ta' liġi u/jew użu ħażin tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (pestiċidi) jew/u sustanzi mhux awtorizzati li jistgħu joffru riskju għas-sigurtà u s-saħħa tal-konsumatur, l-Aġenzija għandha l-awtorità li tieħu l-azzjonijiet meħtieġa u anke twaqqaf il-bejgħ tal-prodotti kkonċernati.

## 7. Kuntatt

Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jagħmel kuntatt mal-Market Regulation Unit tal-Aġenzija bil-mezzi indikati hawn taħt:

**Indirizz:**

Market Regulation Unit
Malta Food Agency
Ta' Qali Fruit & Vegetables Market,
Triq il-Pitkali,
Ta' Qali l/o Attard
ATD 4000
**Imejl:** farmersmarket@gov.mt / marketregulation.maltafoodagency@gov.mt

**Telefon: 2292 6708/6714/6719/6713**